**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 21 ta' Novembru, 2018**

**Rikors nru: 177/2015 AGV**

A

Vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fit-28 ta' Settembru, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi tirrigwarda s-separazzjoni personali bejn il-partijet.

2. Illi minkejja li l-partijiet bdew il-proceduri legali illi wasslu ghall-kawza odjerna fis-sena 2012, effettivament, iz-zwieg taghhom kien ilu ghaddej minn diffikultajiet ghal diversi snin minn ferm qabel inbdew il-proceduri legali, b'dan illi l-esponent ilu li vvaka mid-dar matrimonjali ghal iktar minn 8 snin.

3. Illi tul dawn il-proceduri, diga' telghu jixhdu r-rapprezentanti tal-entitajiet finanzjarji kollha ossia l-banek lokali, Malta Financial Services Authority u Malta Stock Exchange u b'hekk il-provi kollha dwar l-assi li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwsiti tal-partijiet diga' jinsabu in atti. L-esponent ghalaq il-provi tieghu nhar id-9 ta' Frar, 2017 quddiem l-assistant gudizzjarju, Dr. Gavin Gulia.

4. Illi ghal aktar minn 10 snin, il-partijiet kellhom ukoll kontijiet bankarji separati salv ghal xi investimenti kongunti sabiex b'hekk, illum, il-partijiet li ghandhom madwar 70 sena, m'ghandhom l-ebda arrangjament finanzjarju konguntament bejniethom.

5. Illi minkejja dan kollu, il-konvenuta baqghet dejjem tirrisjedi fid-dar matrimonjali, illi hija propjeta' tal-partijiet *qua* parti mill-komunjoni tal-akkwisti u l-esponent dejjem ghamilha cara illi hija tista' tibqa' tabita fil-kumdita' tad-dar matrimonjali, b'mod esklussiv, sa tmiem dawn il-proceduri.

6. Illi tul dawn is-snin kollha, kien dejjem l-esponenti illi ha hsieb ihallas ghas-servizzi u spejjes l-ohra kollha fid-dar, minkejja li din qiedgha tintuza mill-konvenuta b'mod esklussiv.

7. Illi l-esponent ghamel diversi tentattivi sabiex il-partijiet jaslu fi ftehim bonarju dwar l-aspetti kollha tas-separazzjoni, izda l-konvenuta dejjem taghzel illi tressaq il-kontroparti irragonevoli ghall-ahhar senjatament sabiex itawwal il-proceduri ta' separazzjoni ta' bejniethom, ghaliex hija tinstab komda kif inhi – tghix fid-dar matrimonjali a spejjes tal-esponent. F'dan ir-rigward, l-esponent jirrileva ukoll illi wara li huwa ghalaq il-provi tieghu, inzammu diversi seduti ghall-provi tal-konvenuta izda, sfortunatament, ftit li xejn sar progress.

8. Dan l-agir tal-konvenuta, illum illi l-esponenti ghandha 70 sena, qieghed jikkaguna diffikultajiet mhux biss relatati mal-attrit tal-proceduri, izda ukoll pregudizzju palpabbli lill-esponenti minhabba l-agir irresponsabbli u irragonevoli ta' martu, ma jista' jaghmel xejn sabiex huwa jkun jista' jkompli b'hajtu tul dawn il-proceduri u qieghed isoffri inutilment – biss biss huwa jinsab rinfacjat b'cirkostanza fejn ikollu

bilfors ighix f'post bil-kera kif ilu jaghmel dawn l-ahhar kwazi 9 snin filwaqt li martu tibqa' tgawdi d-dar matrimonjali, bil-gnien, swimming pool, handy man u cleaner – kollox a spejjes esklussivi tal-esponent!

9. Illi, ghalhekk, minghajr pregudizzju ghat-talbiet tieghu ai termini tal-Artikolu 48 et.seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif kontenuti fir-rikors guramentat fl-ismijiet fuq premessi, l-esponent qieghed jitlob li tigi terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, b'effett immedjat u dan ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodici Civili. Effettivament din it-terminazzjoni immedjata tkun konferma tal-*modus vivendi* tal-partijiet kif minnhom adoperat ghal snin twal u ghalhekk hadd mill-partijiet ma se ikun qieghed ibati pregudizzju, filwaqt li jkun lilhom hekk premess illi jaghmlu l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens ta' xulxin.

10. Bil-mod kif il-konvenuta qiedgha tipprocedi bil-lajma kollha f'dawn l-atti, hemm ir-riskju illi xi hadd mill-partijiet effettivament jigi nieqes u jkunu ghadhom fil-komunjoni tal-akkwisti bejniethom, minkejja s-separazzjoni *de facto* taghhom illi sehhet kwazi anke 9 snin ilu.

11. Fic-cirkostani ghalhekk, l-esponent jissottometti illi l-eventwali provvediment ta' dina l-Onorabbli Qorti illi jiddikjara terminata b'effett immedjat il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, mhux ser ikun ta' pregudizzju ghall-konvenuta, izda effettivament ikun jikkostitwixxi protezzjoni gudizzjarja ghall-esponenti rinfaccjat b'agir irresponsabbli u irragonevoli ta' martu.

12. Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

    (a) Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b'mod immedjat u fil-pendenza tal-proceduri ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

    (b) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, ghal dan il-ghan javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja tal-

waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 (5) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta tal-konvenut Antonia Asciak li eccepit:-

1.Illi hija giet notifikata bir-rikors tal-attur li ghalih qed issir din ir-risposta fl-10 ta' Ottubru, 2018 u in ottemperanza mad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-1 ta' Ottubru, 2018 qiedgha umilment tissottomettu dan li gej;

2. Illi l-attur jipprova jaghti x'jifhem illi kien hemm diffikultajiet fiz-zwieg ghal certu zmien – attwalment ma kien hemm l-ebda diffikultajiet insormontabbli bejn il-koppja; kien hemm id-diffikultajiet normali li ikollhom il-koppji kollha -dawk li jissejhu "ta' kuljum." L-akbar diffikolta', li kienet verament insormontabbli, kienet il-prattika tal-attur li "ma jistax jara mara" u kien meta dan trakka ma' C li huwa ddecieda li jaqbad u jitlaq mid-dar konjugali.

3. Illi huwa vera li ttellghu (bhala xhieda) xi rapprezentanti ta' diversi entitajiet finanzjarji izda ghadu ma ttellax kulhadd. Proprju fil-5 ta' Ottubru, 2018 kien hemm seduta quddiem l-assistant gudizzjarju ( li ghaliha deheru l-esponenti u l-avukati tal-partijiet u l-attur rega', per l'ennesima volta, baqa' m'attendiex) fejn gew imharrka rapprezentanti ta' Transport Malta, tal-HSBC Bank u Bank of Valletta, izda rrizulta li, bi zball tar-Registru tal-Qorti, it-tahrika ma hargitx u ghalhekk giet iffissata seduta li ser tinzamm fl-20 ta' Novembru, 2018 fil-11 am quddiem l-istess assistant gudizzjarju meta ser jittellghu l-imsemmija xhieda.

4. Illi lanqas ma huwa esatt dak li jallega l-attur dwar il-kontijiet bankjarji. L-esponenti kellha imvestimenti f'isimha (shares fiz-zewg banek ewlenin ta' Malta HSBC u BOV), registrati mal-Malta Stock Exchange, li ma ghadhomx registrati f'isimiha u dan minghajr hi qatt ma iffirmat ghat-trasferiment taghhom. Kwindi bilfors li saret falsifikazzjoni tal-firma taghha biex inbieghu!

5. Illi huwa minnu illi l-esponenti baqghet tghix fid-dar li kienet id-dar matrimonjali u zewgha qatt ma pprova johrogha 'l barra mill-istess dar. Illi huwa veru ukoll illi l-istess attur hallas ghas-servizzi u spejjes ohra fid-dar.

6. Illi l-attur jinnegozja tramite socjeta' kummercjali u ilu ma jdahhal l-abridged accounts taghha mal-MFSA ghal aktar minn tlett snin. Ghalhekk mhux biss hadd ma jista' jkun jaf x'inhi l-kondizzjoni finanzjarja tas-socjeta', izda bhala fatt, l-attur jidher li kull m'ghandu registrat f'ismu, bhala investimenti, huwa l-ishma ta' din is-socjeta' ghax f'ismu jidher li m'ghandu xejn. L-attur ma ziedx f'ebda investiment immobiljarju ghajr ghal dak li kien inxtara meta kien ghadu jghix mal-esponenti.

7. Illi huwa zbaljat l-attur meta jallega illi l-esponenti taghmel minn kollox sabiex itawwal il-proceduri ta' separazzjoni ta' bejniethom. Tant mhux hekk illi, sabiex possibilment jaslu f'separazzjoni bonarja, l-esponenti sa ssuggeriet lill-attur illi jaqilbu l-proprjeta' immobiljari taghhom (id-dar fejn tghix l-esponenti kif ukoll ghalqa adjacenti ghaliha) fuq isem l-unika tifla li ghandhom – kif pero' suggetta ghat-tgawdija tal-esponenti. Ghal din il-proposta kien hemm skiet totali mill-attur. Qatt ma rrisponda ghal istess proposta.

8. Ghandu jigi pprecizat illi sar suggeriment li l-esponenti tibqa' tghix fid-dar in kwistjoni, avolja tinghata lil binthom, biss wara li hadet l-adezjoni ta' binthom, li ghandha erbghin (40) sena u fuqhom, hija mara mizzewwga u ghandha familja b'zewgt itfal u ukoll minhabba li, fil-verita', l-esponenti m'ghandhiex il-mezzi finanzjarji tali biex tista' tmur tghix post iehor.

9. Illi lanqas ma huwa minnu dak premess mill-attur illi "minhabba l-agir irresponsabbli u irragonevoli ta' martu huwa ma jistax jaghmel xejn sabiex huwa jkun jista' jkompli b'hajtu tul dawn il-proceduri u qieghed isofri inutilment." Illi r-ragel qieghed ighix hajtu, kuntent mal-habiba tieghu, isiefer 'l hawn u 'l hemm, diversi drabi fis-sena stante li huwa baqa' ghaddej bin-negozju tieghu daqs meta kien ghad ghandu hamsin sena – avolja issa lahaq l-eta' ta' 'l fuq minn 70 sena.

10.Illi l-attur jaghmel referenza ukoll ghall-artiklu 48 tal-Kap.16 u senjatament fit-talbiet tar-rikorrenti A jitlob illi din il-Qorti tapplika l-effetti tal-Artikolu 48 et. sek. tal-Kodici Civili kontra l-esponenti u favur tieghu.

11. Illi, fil-kor tal-gbir tal-provi ma hemmx farka ta' prova illi l-esponenti ikkommettiet adulterju kontra zewgha – jekk jirrizulta xi haga irrizulta proprju bil-maqlub, kif del resto ammess mill-istess attur fil-premessa enumerata (3) tar-rikors guramentat. Illi fattwalment lanqas ma jirrizulta xi farka ta' prova illi l-esponenti abbandunat lil zewgha – se mai, anke

f'dan ir-rigward, kien ir-ragel li abbanduna lill-esponenti biex mar ighix permanentement ma' mara ohra.

12.Illi l-attur qieghed jitlob illi dina l-Qorti ghandha tordna b'effett immedjat it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodici Civili u dan stante li *"din it-terminazzjoni immedjata tkun konferma tal-modus vivendi tal-partijiet kif minnhom adoperat ghal snin twal u ghalhekk hadd mill-partijiet ma ser ibati pregudizzju, filwaqt illi jkun lilhom hekk premess illi jaghmlu l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens ta' xulxin."*

13.Illi l-esponenti tishaq illi, kuntrarjament, ghal dak allegat, l-esponenti mhix qed tipprocedi bil-lajma kollha f'dawn l-atti. Se mai kien l-attur li ha aktar minn sentejn biex iressaq il-provi tieghu. Meta wasal it-turn tal-esponenti biex tressaq il-provi taghha hija bdiet taghmel dan sollertament u minghajr ebda tul inutli ta' zmien. Kien hemm ftit dilungar fiz-zamma tas-seduti, meta il-partijiet kienu qed jikkoltivaw il-possibilita' li jintlahaq ftehim barra mill-Qorti. Dan purtroppo ma sehhx.

14.Illi l-attur ikompli jissottometti illi b'accettazzjoni tat-talba attrici *"ikun jikkonstitwixxi protezzjoni gudizzjarja ghall-esponenti (attur) rinfaccjat bl-agir irresponsabbli u irragonevoli ta' martu"* – l-attur ma jissostanzjax l-allegazzjonijiet tieghu ta' agir irresponsabbli u rragonevoli ta' martu. Ma gab ebda farka ta' prova dwar dan. Bil-maqlub l-esponenti ghandha prova kontrarja ghall-agir ta' zewgha li jammetti li kien adulteru ghal snin twal sa minn qabel ma ddecieda li jitlaq mid-dar u jabbanduna lill-esponenti biex mar ighix ma' habibtu.

15. Illi huwa kontra l-interessi tal-esponenti illi l-komunjoni tal-akkwisti tigi terminata f'dan l-istadju u cioe' qabel ma jkun hemm id-definizzjoni tal-gbir tal-provi biex imbaghad il-Qorti tista' tizen l-istess provi u tasal serenament ghall-konkluzzjonijiet taghha.

16. Ghal dawn il-motivi l-esponenti topponi ghat-talba tal-attur u ghalhekk tissottometti illi l-istess talbiet tieghu kontenuti fir-rikors tieghu tal-27 ta' Settembru, 2018 notifikat lill-esponenti fl-10 ta' Ottubru, 2018 ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu – kollox isir taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Qorti joghgobha timponi.

Ikkunsidrat

Il-partijiet izzewwgu fl-14 ta' Awwissu, 1971 u minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda D nee' Axiaq, li illum hija maggorenni.

Ir-rikorrent pprezenta r-rikors guramentat tieghu ghas-separazzjoni personali, fit-3 ta' Awwissu, 2015. Fost it-talbiet ohra komuni f'dawn il-kawzi, hu talab, ix-xoljiment, il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti.

Illi l-intimata pprezentat ir-risposta taghha u m'opponitx li jsir ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

Ir-rikorrent qed jitlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ghab-bazi ta' fatturi differenti, primarjament peress li hu qed ighix f'appartament bil-kera u ilu jghix hekk ghal dawn l-ahhar disgha snin, filwaqt li martu qiedgha tghix fid-dar matrimonjali, li donnha mill-provi tirrizulta li hija kbira, bil-gnien, bl-iswimming pool, bil-handy man u cleaner kollox ghas-spejjes tieghu.

Fattur iehor li jinsisti fuqu r-rikorrent huwa li martu l-intimata qed ittawwal il-proceduri ghaliex hi tinstab komda kif inhi, billi qed ihallsilha l-ispejjes kollha, minkejja li hu kien gia' ghamilha cara li ma kellu l-ebda problema li martu tibqa' tghix fid-dar matrimonjali a spejjes tieghu sa tmiem il-proceduri.

Ighid ukoll li jekk ikun hemm terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, mhux se johloq pregudizzju proporzjonat lill-intimata peress li ghal aktar minn 10 snin kellhom kontijiet bankarji separati, salv ghal xi investimenti kongunti.

L-Artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili, jaghti d-dritt lil kull parti f'kawza ta' separazzjoni personali, li fil-pendenza tal-istess kawza, titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skond is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Is-subinciz (4) tal-istess artikolu jghid hekk:-

*"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-Qrati ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."*

Skond is-subinciz (6) tal-istess artikolu meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni fil-bidu tal-kawza tal-firda, dan ghandha taghmlu mill-jum li s-sentenza tal-firda tkun finali u konkluzziva.

Minn dan jirrizulta li t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser isoffri *"pregudizzju mhux proporzjonat."* Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju *incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*[1]

L-intimat fir-risposta taghha tissottometti li mhuwiex minnu li bhala koppja kienu ilhom bil-problemi sakemm bdew il-proceduri ta' separazzjoni, izda l-akbar diffikolta' kienet meta r-rikorrent telaq mid-dar matrimonjali ghax kellu relazzjoni ma' C, li ammetta hu stess li kellu din ir-relazzjoni ferm qabel ma telaq lill-martu l-intimata. L-intimata tghid li sallum ghadu maghha, jghixu flimkien u jsiefru ta' spiss.

L-intimata tinsisti li jekk jigi awtorizzat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti hi tkun qed tbati "*pregudizzju mhux proporzjonat*" u dan peress li l-provi prodotti mhux konkluzzivi, ghax kien ghad fadal li tipproduci aktar provi dwar il-komunjoni, anke fir-rispett dwar l-investimenti bankarji taghhom, mhux kif allega r-rikorrent. Tichad ukoll li hi qed taghmel minn kollox biex ittawwal il-proceduri ta' separazzjoni, ghaliex kienet bdiet bil-provi, imbaghad kien hemm zmien fejn kienu qed jesploraw il-possibilita' ta' separazzjoni konsenswali. Tinsisti ukoll li r-rikorrent ma ppruvax x'inhu l-agir irresponsabbli u rragonevoli taghha.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Josette Gatesy Lewis, wife of Irme Gatesy, in her own name as well as curator on behalf of the minor child,**

[1] Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi App.28/3/2014

**Alexander Gatesy vs Andy Irme Gatesy Rikors Numru 188/05JA, il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) b'sentenza tal-4 ta' Dicembru, 2015** laqghet it-talba tal-konvenut u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet billi ghaddew 10 snin mill-bidu tal-kawza ta' separazzjoni personali u l-attrici kienet ghadha ma kkonkludietx il-provi taghha. Il-Qorti osservat li f'dawn ic-cirkostanzi kien ragjonevoli ghall-konvenut li jaghmel talba simili.

Il-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-30 ta' Settembru, 2016 ikkonfermat id-decizjoni tal-Ewwel Qorti u ddikjarat-

***"…..it is this Court's view that the excessively and objectively unjustified delay on part of the plaintiff in concluding her evidence is delaying unnecessarily the progress and the eventual closure of the proceedings. There is no doubt that this very long delay is making it impossible for defendant to conclude and settle his financial affairs vis-a'-vis plaintiff who at present, notwithstanding her initial request for the cessation of the acquests and the personal separation from the defendant, is still entitled to half the earnings of defendant as well as to half of his assets. In these circumstances, rejecting defendant's request would cause him prejudice in terms of the sub-article aforementioned."***

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tinnota li l-kawza nfethet fis-sena 2015 u sal-bidu tas-sena 2017, ir-rikorrent kien ghadu ma kkonkludix ix-xhieda tieghu. Kien biss f'Gunju, 2017 li l-intimata pprezentat l-affidavit taghha u bdiet bil-provi u anke mill-istess verbali jirrizulta, kif xehdet l-intimata li kien hemm tentattivi ghal separazzjoni bonarja. Dawn it-tempi mhumiex ta' barra minn hawn, huma pjuttost ragjonevoli fil-process ta' separazzjoni!

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi r-rikorrent jiggestixxi negozju taht kumpanija Business and Management and Services Limited u kien ghadu jmexxiha sal-gurnata ta' llum, qisu ghandu 50 sena, meta ghandu 70 sena.

Din il-Qorti hasbet fit-tul fir-rigward u huwa fid-dover taghha li tevalwa jekk bix-xoljiment tal-komunjoni fil-mori tal-kawza xi parti jew l-ohra hux ser tbati pregudizzju u f'kaz affermattiv jekk tali pregudizzju jikkwalifika bhala "*mhux proporzjonat*."

B'din id-disposizzjoni tal-ligi li ried il-legislatur huwa "li mhux kull pregudizzju ghandu jservi ta' ostakolu sabiex tintlaqa' t-talba skond l-Artikolu 55, izda jehtieg li l-pregudizzju jkun tali li jikkwalifika bhala sproporzjonat."[2]

Fil-fehma tal-Qorti, wara li kkunsidrat is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet tikkonkludi li sallum ingabru ftit wisq mill-provi tal-partijiet u ghalhekk huwa kompitu difficili ghall-Qorti biex ikollha stampa cara tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Oltre minn hekk, il-Qorti thoss li r-rikorrent mhux qed jigi ppregudikat billi qed ihalli lill-martu tghix fid-dar matrimonjali u jhallas l-ispejjes relatati mal-istess, dan aktar u aktar meta ghadu jmexxi negozji tal-kostruzzjoni li sas-sena 2014 kien qed irendi cirka €50,000, ighix ma' mara ohra u ta' spiss isiefru u jghixu hajja tajba. Jekk din il-Qorti kellha tawtorizza l-waqfien tal-komunjoni, hemm certi perikoli x'jista' jsir bin-negozju, li jista' joholqu pregudizzji sproporzjonati lill-intimata, li diga' allegat fuq xi tbabiz f'xi investimenti u addiritura lanqas ghada ma kellha l-opportunita' li tipproduci provi fuqhom.

Fil-fehma tal-Qorti, wara li gharblet sew is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet fir-rigward qed tikkonkludi illi x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju meta ghadu mhux stabbilit definittivament il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, jirreka pregudizzju mhux proporzjonat fuq l-intimata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddeciedi r-rikors tar-rikorrent tas-27 ta' Settembru, 2018 billi tichdu.

L-ispejjes ta' din is-sentenza in parte jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef** **Deputat Registratur**

[2] Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi – App.28/3/14